**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 47 - IT-TLIETA, 10 TA' LULJU 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-7:35pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Pierre Sciberras | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier (wasal fit-7:50pm) |
| | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier |
| | Mario Brincat | Kunsillier |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Kunsillier/Chairperson BIC |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |

Pubbliku: Kien hemm xi residenti minn Triq is-Sejjieħ għall-ewwel parti tal-laqgħa filwaqt li kien hemm ukoll il-Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ immexxija mill-Youth Worker Christian Curmi.

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-SE ippreżenta l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

1.2. Fuq proposta tal-Kunsillier Sammut il-Kunsill approva emenda biex paragrafu 8.1 jiġi nnumerat 8.2 filwaqt li jiddaħħal paragrafu ġdid innumerat 8.1 li jgħid: "Qabel ma l-laqgħa ġiet fi tmiemha l-Kunsillier Sammut informa li l-play *Fatatina* organizzata bħala parti mill-kors tad-drama se ssir il-Ġimgħa 6 ta' Lulju fl-Iskola Primarja tan-Naxxar fis-7:30pm."

1.3. Wara kunsiderazzjoni l-minuti kienu approvati kif emendati *nem con* u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv (SE).

## 2. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

2.1. Fuq mistoqsija tal-Kunsilliera Muscat Fenech Adami s-Sindku infurmat li dwar il-proġetti tal-Belvederes qed tistenna aktar dettalji.

2.2. Is-Sindku infurmat li saret laqgħa mal-kuntrattur Jimmy Vella (Vella Group) minħabba li hemm kwistjoni dwar talba għall-ħlas għal xogħol fuq il-bankini li ma kienx oriġinalment mitlub. Dan jinvolvi tibdil ta' sufuni tad-drenaġġ minħabba li l-kuntrattur sostna li, waqt li jaqla' l-bankina biex jibdilha, dawn jiġrilhom il-ħsara u għalhekk kemm min-naħa ta' Transport Malta (TM) u anki meta għamel dan ix-

xogħol f'Kunsilli Lokali oħra, kienet raġunata u aċċettata li dan ix-xogħol isir b'mod awtomatiku. Is-Sindku infurmat li waqt il-laqgħa esprimit li ma kienx aċċettabli li jsir il-ħlas mitlub minħabba li la l-Kunsill u lanqas il-Perit ma kien infurmat qabel. Il-kuntrattur irrikonoxxa li ma kienx informa qabel u f'dak il-ħin kien hemm qbil li, fil-futur, kull xogħol li jsir li ma jkunx miftiehem qabel m'għandux jitkompla jekk ma jingħatax ordni biex jagħmel hekk mill-Kunsill jew mill-Perit. Sadanittant kien hemm qbil li l-Perit se jindaga fid-dettal dwar ix-xogħol li sar żejjed filwaqt li se jikkonsultà mal-Inġiniera dwar jekk effettivament dan ix-xogħol kienx neċessarju. Għal din il-laqgħa kienu preżenti wkoll is-SE u l-Perit tal-Kunsill.

2.3. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier Galea.

## 3. MIŻURA TAT-TRAFFIKU FI TRIQ IS-SEJJIEĦ

3.1. F'dan il-ħin il-Kunsill qabel li jipposponi l-komunikazzjoni mis-Sindku għal aktar tard biex, kif kien maqbul f'laqgħa preċedenti, residenti tal-inħawi ta' Triq is-Sejjieħ ikollhom l-opportunità jgħaddu l-kummenti tagħhom dwar proposta għal miżura tat-traffiku għal din it-triq.

3.2. Il-Kunsill innota li kienu biss tliet residenti li attendew madanakollu xorta waħda qabel li għandu jikkonsidra din il-proposta. Il-Kunsill għalhekk talab lir-residenti biex iressqu l-kummenti tagħhom.

3.3. Wara din il-konsultazzjoni l-Kunsill qabel li għandha ssir tabella 'No Entry' fin-naħa t'isfel ta' Triq id-Dejqa b'mod li l-vetturi ma jitħallewx jitilgħu għal Triq is-Sejjieħ. Fl-istess waqt Triq is-Sejjieħ tibqa' f'żewġ direzzjonijiet billi fit-tarf ta' fuq ma' Triq Leli Falzon titpoġġa tabella 'Cul-de-sac'.

## 4. LAQGĦA MAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ

4.1. Is-Sindku infurmat li ħasset li kellha tistieden lill-Kunsill Lokali Żgħażagħ biex formalment u waqt laqgħa tal-Kunsill tifirħilhom f'isem il-Kunsill kollu għas-suċċess li kisbu permezz tal-applikazzjoni għall-proġett tal-Kunsilli Lokali Żgħażagħ. Il-proġett kien wieħed minn tlieta rebbieħa minn Malta u Għawdex. Filwaqt li rringrazzjathom għall-impenn tagħhom u rringrazzjat ukoll lill-*Youth Worker* talli ħa ħsieb mexxa liż-żgħażagħ, is-Sindku talbet liż-żgħażagħ biex jinfurmaw lill-Kunsillieri dwar fiex jikkonsisti l-proġett.

4.2. Is-Sindku taż-żgħażagħ (Nigel) spjega dwar x'jikkonsisti l-proġett filwaqt li rringrazzja lis-Sindku, lill-Kunsillieri Sammut u Galea u lis-SE għall-għajnuna kollha u s-sapport li taw waqt il-preparazzjoni tal-applikazzjoni.

4.3. Il-Viċi Sindku taż-żgħażagħ (Nico) spjega wkoll partijiet mill-proġett.

4.4. Fl-aħħar nett tkellem il-*Youth Worker* Christian Curmi fejn irringrazzja lill-Kunsill Lokali tas-sapport kollu mgħoti u li se jkompli jingħata biex jitwettaq il-proġett.

## 5. APPROVAZZJONI TAL-ISTEMMA GĦAL BAĦAR IĊ-ĊAGĦAQ

5.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien qiegħed jiġi mitlub biex japprova l-istemma kif proposta għal Baħar iċ-Ċagħaq (BIC). Din kienet diġà ġiet approvata mill-Kumitat Amministrattiv.

5.2. Il-Kunsill għalhekk approva b'mod unanimu l-istemma kif ippreżentata. Kopja tagħha hija annessa f'A.

## 6. KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU - KONTINWAZZJONI

6.1. Is-Sindku infurmat li kellha laqgħa mal-Ambaxxatur Ċiniż għal Malta nhar il-5 ta' Lulju 2012 fis-2:30pm. Hija infurmat li l-laqgħa kienet kordjali ħafna u fiha kienu diskussi diversi materji li jirrigwardjaw is-sistema tal-Gvern Lokali, l-isfidi li niltaqgħu magħhom kif ukoll is-sistemi mħaddma mill-Kunsill Lokali Naxxar. Hija infurmat li l-Ambaxxatur kien impressjonat b'dak li ra fin-Naxxar u faħħar lill-Kunsill għall-mod kif jirnexxielu jattwa x-xogħol minkejja l-isfidi ekonomiċi li jeżistu.

6.2. Is-Sindku qrat ittra li ċertu Jane Brincat kitbet lill-Kunsill u għaddiet permezz tal-*email* mingħand il-Kunsillier Muscat Fenech Adami. Din kienet qed tesprimi opinjoni li parti mill-Pjazza tingħalaq għat-traffiku kif ukoll parti minn Triq Santa Luċija. Il-Kunsill qabel li din il-proposta tiġi diskussa fil-futur bħala parti minn proġett ħolistiku.

## 7. APPLIKAZZJONI GĦALL-PROĠETT B'FONDI TAL-UNJONI EWROPEA (*PRIORITY AXIS* 6)

7.1. Is-Sindku infurmat li hi u s-SE kellhom laqgħa nhar is-6 ta' Lulju 2012 mal-Kap tal-*Funding Unit* ta' MEUSAC (Alison Camilleri) dwar il-possibiltà ta' proġett tas-Sala fuq il-Kunsill.

7.2. Hija semmiet li l-PPCD kienu fil-proċess li jagħmlu sejħa għall-applikazzjonijiet għall-proġetti li jinkludu wkoll titjib strutturali biex ikunu jistgħu isiru korsijiet u inizjattivi għal skopijiet ta' saħħa, edukazzjoni u anki soċjali.

7.3. Il-laqgħa mas-Sinj. Camilleri kienet kordjali u fiha ġew espressi l-ħsibijiet tal-Kunsill filwaqt li kien jidher li l-Kunsill kien qiegħed fuq l-istess linja tal-kriterji għal din is-sejħa.

7.4. Fid-dawl ta' dan kien meħtieġ li l-Kunsill japplika għad-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku filwaqt li japplika wkoll il-MEPA għall-permess għall-bini.

7.5. Il-Kunsill unanimament qabel li għandha ssir l-applikazzjoni għad-devoluzzjoni taċ-Ċentru Ċiviku u għall-permess mill-MEPA.

## 8. PARTEĊIPAZZJONI FIL-PROĠETT TAĊ-*CHILD CARE CENTRE*

8.1. Is-Sindku infurmat li kellha xi laqgħat dwar dan il-proġett u kien jidher li l-proċess kien miexi kif ippjanat.

8.2. Hija infurmat li kien xieraq li l-Kunsill ikun parteċipi f'dan il-proġett u għalhekk kienet qed tipproponi li l-Kunsill jieħu ħsieb il-kamra tat-trabi u li l-attrezzar tagħha m'għandux jiswa aktar minn €4,000. Il-Kunsill unanimament qabel li jipproċedi bil-konferma tal-parteċipazzjoni f'din l-inizjattiva ta' benefiċċju għar-residenti speċjalment tan-nisa li jixtiequ jidħlu lura fid-dinja tax-xogħol.

8.3. Il-Kunsillier Galea staqsa jekk il-post huwiex addattat minħabba l-kamra tan-nar fil-viċinanzi. Il-Kunsill qabel li għandu jkun żgurat li l-post ma joħloqx perikli.

8.4. Sadanittant il-Kunsillier Sammut informa li, dwar deċiżjoni meħuda mill-Kunsill dwar taħdidiet għan-nisa d-diskussjonijiet kienu waslu fl-aħħar. Huwa semma wkoll il-*play* li ttellgħat b'riżultat tal-kors tad-drama fejn informa li l-attendenza kienet ta' madwar 50. Informa li ħadu sehem 35 tifel u tifla u l-ġenituri esprimew ix-xewqa li jsiru aktar korsijiet simili. Dwar dan kien hemm qbil li għandha ssir ittra ta' ringrazzjament lis-Sur Tonio Vella u lill-Imtarfa Drama Group. Ringrazzjament għandu jsir ukoll lill-iskola Primarja li kienet offruta b'xejn.

**9. ĦLASIJIET TA' KONTIJIET U RENDIKONTI FINANZJARJI**

9.1. Is-SE ippreżenta l-lista ta' pagamenti li kienet mibgħuta qabel il-laqgħa lil kull Kunsillier. Il-pagamenti skont il-lista kif annessa f'B kienet approvata.

9.2. Il-Kunsill approva l-lista ta' ordnijiet kif ukoll il-lista tad-dħul li saru f'Ġunju 2012. Kopji huma annessi f'Ċ u D rispettivament.

9.3. Is-SE ippreżenta stimi għal aċċessorji għal-latrini li jinkludu *soap* u *toilet paper dispensers* kif ukoll *hand dryers.* Il-Kunsill qabel li għandhom jintgħażlu l-aktar kwotazzjonijiet vantaġġjużi wara li ssir l-evalwazzjoni tal-kwotazzjonijiet.

9.4. F'dan il-ħin il-Kunsillier Sammut kien skużat għall-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien id-8:45pm.

**10. RAPPORT MILL-KUMITAT AMMINISTRATTIV**

10.1. Il-Kunsilliera u Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv, Maryanne Cuomo infurmat li l-Kumitat Amministrattiv kien jinsab għaddej bil-preparamenti tal-attività **Arts in the Park** li se ssir fis-27 u t-28 ta' Lulju f'BIC.

10.2. Hija kompliet infurmat li qed issib ħafna għajnuna mill-Viċi Sindku filwaqt li appellat lill-Kunsillieri kollha biex jattendu.

10.3. Is-Sinj. Cuomo infurmat li x-xogħlijiet tal-**bankini** kienu tlestew.

10.4. Il-Kunsilliera Cuomo infurmat ukoll dwar il-problema pendenti tal-**passaġġ li mill-Magħtab jagħti għal Triq Qalet Marku** kienet saret laqgħa il-jum ta' qabel fuq il-post mas-Sur Jonathan Vella, *Deputy Chairman* ta' TM, fil-preżenza tas-SE fejn kien diskuss it-talba tal-Kumitat Amministrattiv biex dan il-passaġġ jingħalaq għat-traffiku. Kien hemm qbil li għandha ssir applikazzjoni (DNO) il-MEPA biex tkun tista' tintlaqa' t-talba.

**11. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT SALINA/MAGĦTAB**

11.1. Il-Kunsillier Galea informa lill-Kunsill li kienet saret l-ewwel laqgħa tas-Sottokumitat fejn kien hemm qbil li s-Sinj. Claire Abela tkun is-Segretarju tas-Sottokumitat.

11.2. Fil-laqgħa kien imsemmi li l-ġbir ta' skart mhux qed isir kuljum. Issemma wkoll li kien hemm xi oġġezzjonijiet għall-*one ways* li kienu ġew implimentati ftit tax-xhur qabel u kien rakkomandat li minflok isiru *rumble strips.* Il-Kunsill qabel li, la darba l-*one ways* kienu saru fuq talba tar-residenti infushom, anki permezz ta' petizzjoni, ma kienx jaqbel li għandha titneħħa u tiġi kif kienet qabel. Dwar ir-*rumble strips* il-Kunsill iħoss li dawn joħolqu inkonvenjent lir-residenti minħabba li l-istorbju kontinwu li jagħmlu l-vetturi kull darba li jgħaddu minn fuqhom. Għalhekk ma laqax it-talba.

11.3. Il-Kunsill Galea għamel riferenza għal kummenti li allegatament kien għadda l-Ministru Pullicino dwar li m'hemmx problemi fil-Magħtab. Huwa qal li r-residenti ma kienux konvinti li m'hemmx problemi.

**12. RAPPORT MIS-SOTTOKUMITAT SAN PAWL TAT-TARĠA (SPT)**

12.1. Is-Sindku infurmat li l-laqgħat mas-sottokumitat ta' SPT kienu regolari u kienu pożittivi ħafna. Grazzi għal dawn il-laqgħat inġibdu l-attenzjoni ta' ċertu nuqqasijiet li jew ġew riżolti jew kienu waslu biex ikunu riżolti.

12.2. Hija infurmat dwar is-sitwazzjoni tax-xogħol tal-kisi tat-toroq fejn spjegat li kien hemm nuqqas ta' qatran fil-pajjiż li wassal biex ix-xogħol dam aktar milli suppost.

Dwar dan intbagħatet ittra lir-residenti konċernati ħalli jkunu infurmati bir-raġuni għal dan id-dewmien.

12.3. Is-Sindku infurmat li l-laqgħa li jmiss se ssir it-Tlieta ta' wara.

12.4. Il-Kunsillier Cuomo infurmat li kellha kummenti mingħand xi residenti dwar il-marki tal-karreġjati li saru fi Triq San Pawl. Dawn kienu jgħidu li issa sar perikoluż minħabba li l-vetturi qed jgħaddu aktar viċin il-garaxxijiet. Huma għalhekk talbu li ssir *hump.* Il-Kunsill però ma laqax din it-talba għax ħass li l-marki saru skont l-istandards.

## 13. GĦOTI TA' OFFERTI (TENDERS) U KWOTAZZJONIJIET

13.1. Il-Kunsill għadda biex jiddiskuti l-għoti tal-offerti li kienu deċiżi kif jidher hawn taħt. L-aġġudikazzjoni sar minn Bord magħmul mis-Sindku, il-Perit tal-Kunsill u l-Accountant tal-Kunsill kif approvat f'laqgħa tal-Kunsill preċedenti. Is-SE kien is-Segretarju tal-Bord filwaqt li l-Avukat kien qiegħed jassisti u jagħti l-pariri lill-Bord skont kif meħtieġ. Is-SE ippreżenta kopja ta' kull rapport tal-aġġudikazzjoni li kienu meqjusa moqrija.

13.2. **Kwotazzjonijiet għall-*Aerobics* u *Pilates* (Q01/2012):-** Wara r-rakkomandazzjoni mill-Bord tal-Aġġudikazzjoni kienet saret sejħa oħra għall-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill qabel li, la darba (fit-tieni kwotazzjoni) offrew l-istess prezzijiet għall-*aerobics*, għandu jutilizza s-servizzi taż-żewġ persuni li tefgħu il-kwotazzjoni. Fir-rigward tal-*Pilates* il-Kunsill qabel li jagħti s-servizz lil Carmen Micallef madanakollu, minħabba li min-naħa ta' BIC kien hemm domanda għall-korsijiet li joffri Robert Galea, kien hemm qbil li, jekk kemm-il darba huwa jniżżel ir-rata daqs dik ta' Carmen Micallef, huwa jkun jista' jagħti l-lezzjonijiet f'BIC.

13.3. **Kwotazzjonijiet għal *computer server* (Q02/2012):-** Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u qabel li jordna l-*computer server* mingħand Scanmalta minħabba li kien l-irħas.

13.4. **Kwotazzjonijiet għal tabelli tat-traffiku:-** Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u qabel li jordna x-xogħol mingħand B. Grima & Sons minħabba li kien l-irħas.

13.5. **Kwotazzjonijiet għaż-żebgħa tat-toroq:-** Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u qabel li jordna x-xogħol mingħand Mario Mallia minħabba li kien l-irħas.

13.6. **Offerti għal stampar ta' pubblikazzjonijiet tal-Kunsill (T02/2012):-** Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u qabel li jagħti l-offerta lil Gutenberg minħabba li kien l-irħas.

13.7. F'dan il-ħin il-Kunsillier Galea ippropona li ssir sejħa fuq il-Kuntatt biex min għandu xi **Teżi** li titkellem dwar in-Naxxar, joffri kopja lill-Kunsill. Din il-proposta intlaqgħet iżda dan isir b'mod diġitali.

13.8. **Offerti għat-tindif tal-bajjiet (T03/2012):-** Il-Kunsill kien mgħarraf li għadu qed jistenna risposta mid-Dipartiment dwar jekk il-Kunsill jistax ikompli jagħti dan is-servizz. Fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Gatt, il-Kunsill qabel li għandu jagħti sal-aħħar tax-xahar żmien għal tweġiba filwaqt li jinforma lid-Dipartiment li, jekk ma jirċevix risposta se jkun qiegħed iwaqqaf is-servizz u ma jagħtix il-kuntratt.

13.9. **Offerti għal servizz ta' gwardjan tal-faċilitajiet sportivi (T04/2012):-** Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u qabel li jagħti l-offerta lil Jurgen Attard minħabba li kien l-irħas.

13.10. **Offerti għal servizz ta' konsulenza dwar applikazzjoni għal żvilupp (T05/2012):-** Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u qabel li jagħti l-offerta lil ADI Associates minħabba li kien l-irħas.

13.11. **Offerti għall-kiri ta' sala (T06/2012):-** ħadd ma tefa' l-offerta.

13.12. **Offerti għall-bini ta' *website* dwar rotot storiċi (T07/2012):-** Il-Kunsill kien infurmat li l-Bord tal-Aġġudikazzjoni għad irid jagħmel aktar evalwazzjonijiet minħabba li dak li tefa' għajnejh fuqu l-Bord jista' jkun li kellu jkun eliminat. Il-Kunsill qabel li għandu jaċċetta bil-quddiem id-deċiżjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u s-SE għandu jipproċedi hekk kif tkun finalizzata.

13.13. **Offerti għall-provvista u installazjoni ta' sinjali għal siti storiċi (T08/2012):-** Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u qabel li jagħti l-offerta lil Anton Zarb minħabba li tefa' l-offerta li l-aktar kienet skont l-ispeċifikazzjonijiet. Il-Kunsill qabel però li l-għoti tal-offerta għandu jkun marbut mal-qbil min-naħa tal-*Paying Agency* tal-MRRA li jitnaqqsu l-ammont ta' sinjali minħabba li l-ammont tela' ħafna aktar minn dak previst u approvat fl-applikazzjoni tal-fondi mill-EU taħt il-miżura 313.

13.14. Sadanittant il-Kunsillier Galea ippropona li l-Kunsill għandu jikkonsidra jinstalla **bollards** fejn ikun se jsir għeluq f'festi u attivitajiet tal-Kunsill. Dan biex jiffaċilita' l-għeluq tat-toroq. Il-Kunsill ma laqax din il-proposta minħabba li kien maħsub li dan jista' jwassal għal ħsarat fit-toroq minħabba t-toqob li jridu jsiru.

13.15. **Offerti għall-provvista u installazjoni ta' *litter bins* (T09/2012):-** Il-Kunsill laqgħa r-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Aġġudikazzjoni u qabel li jagħti l-offerta lil Anton Zarb minħabba li tefa' l-offerta li l-aktar kienet skont l-ispeċifikazzjonijiet filwaqt li offra *litter bins* li l-aktar li jixirqu mal-akwati.

## 14. TALBIET MILL-KUMITAT FESTI ESTERNI

14.1. Is-SE ressaq rapport ta' laqgħa li kellu mal-Kumitat Festi Esterni. Dan ir-rapport (anness f'E) kien mibgħut qabel il-laqgħa lil kull Kunsillier.

14.2. Dwar l-ewwel punt (**Ikel fil-pjazza waqt il-jiem tal-festa**) il-Kunsill qabel li, hekk kif fil-passat kien deċiż mill-Kunsilli preċedenti li ma jkunx hemm gabbani tal-ikel fil-Pjazza, lanqas m'għandhom jitħalla tisjir barra l-każini u l-ħwienet. Madanakollu jkun jista' jisserva barra ikel li jkun issajjar ġewwa. Kien maqbul ukoll li *bars* fuq barra jintramaw biss fuq il-bankina u possibilment man-naħa tal-ħitan tal-każini.

14.3. Dwar it-tieni punt (**Tindif**) il-Kunsill, fuq rakkomandazzjoni tal-Kunsillier Gatt, qabel li għandu japplika rata addizzjonali biex permezz tagħha jkun jista' jsir it-tindif. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu japplika garanzija ta' €500 biex jiżgura li l-applikanti jżommu mal-kundizzjonijiet imposti.

14.4. Dwar it-tielet punt (***Mobile Toilets***) il-Kunsill qabel fil-prinċipju ma' din it-talba però ried ikun żgurat li jsir tindif regolari, possibilment kull sagħtejn.

14.5. Dwar il-kumplament tal-punti, ħlief għal dak li jitkellem dwar l-għeluq tal-Pjazza, il-Kunsill qabel.

14.6. Dwar l-għeluq tal-Pjazza l-Kunsill qabel li għandu jiddiskuti mal-kumitat tan-nar għalkemm il-Kunsill kien kontra fil-prinċipju li jkun hemm għeluq fit-tul.

14.7. F'dan il-ħin il-Kunsillier Galea kien skużat mill-kumplament tal-laqgħa. Il-ħin kien l-10:05pm.

## 15. INIZJATTIVA TINDIF FIL-BAĦAR

15.1. Il-Kunsillier Brincat informa li kien niżel BIC u nnota li fil-baħar hemm ammont ta' ħmieġ. Huwa xtaq li kieku jieħu ħsieb, bl-approvazzjoni tal-Kunsill, inizjattiva biex issir kampanja u tindif tal-baħar madwar in-Naxxar madanakollu, minħabba li kellu ħafna impenji bit-tieġ, kienet se tkun wisq diffiċli għalih li jagħmel dan.

15.2. Il-Kunsill irrikonoxxa d-diffikultà tal-Kunsillier Brincat u għalhekk qabel li għandu jagħmel tentattiv biex din l-attività possibilment issir b'mod konġunt bejn l-Iscouts, Vascas u l-Kunsill Lokali Żgħażagħ.

## 16. INIZJATTIVA CAR-FREE DAY

16.1. Il-Kunsill qabel li jitfa' applikazzjoni biex jorganizza din l-attività li għaliha kien jista' jibbenefika minn għajnuna sa €2,000.

16.2. Kien hemm qbil li għandhom jikkordinaw il-Viċi Sindku u l-Kunsillier Gatt biex tkun tista' ssir il-kordinazzjoni tal-applikazzjoni u l-eventwali attività.

## 17. TMIEM IL-LAQGĦA

17.1. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tlieta 21 ta' Awwissu fis-7:30pm. Il-Kunsillier Brincat informa li, minħabba li se jkun qiegħed fuq il-Qamar il-Għasel, mhux se jkun possibli għalih li jattendi. Il-Kunsill qies din bħala ġustifikata u li kien avviż biżżejjed mingħajr il-ħtieġa li jibgħat avviż ieħor bil-kitba.

17.2. Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fl-10:33pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

# ADMINISTRATIVE COMMITTEES

## PROPOSED SHIELDS OF ARMS

Shield of Arms for the Administrative Committee of Baħar iċ-Ċagħaq.



**Baħar iċ-Ċagħaq**

The proposed arms incorporate elements that fit the name and function of the origins of this locality at the same time symbolically indicating its appearance.

The field is divided horizontally into a wavy white and blue background indicating Baħar and a series of golden pebbles in the lower half indicating Ċagħaq.

This shield of arms is encircled by a border of the colours of Malta namely white and red. The checked border is indicative of an Administrative Committee.

The blazon would read: Party per fess, barry undy of eight Argent and Azure, semy of pebbles Or, within a bordure compony Argent and Gules.

B

**Kunsill Lokali: Naxxar** **Skeda Nru. Laqgha 47**

**Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti**

**Data: mit-12 ta' Gunju 2012 sas-6 ta' Lulju 2012**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Adi Associates | €71.76 | €71.76 | T | PF | Review of planning Applications - May 12 | 31/05/2012 | 1018 | n/a | n/a | 3130 | |
| 2 | Agricultural Co-operative Ltd | €3,599.00 | €3,599.00 | T | PF | Garden maintenance fee - May 12 + Eur100 extra for washing trees at Labour Avenue | 31/05/2012 | 23472 | n/a | n/a | 3061 | |
| 3 | AMJ Legal Services | €177.00 | €177.00 | T | PF | Retainer fees - June 12 | 01/07/2012 | 97 of 2012 | n/a | n/a | 3130 | |
| 4 | Archway Ironmongery | €152.71 | €152.71 | D | PF | Katina; Electric holder; 16Amp Plugs, MCB 16A; etc. | 23/04/2012 | 32807 | 3955 & 3957 | 3955 & 3957 | 2370 | |
| 5 | Arms Ltd | €1,996.83 | €1,996.83 | D | PF | Electricity & Water consumption bills for Naxxar Council Offices [21/12/11 till 20/03/12] | 11/06/2012 | 15361741 | n/a | n/a | 2130 | 15631 |
| 6 | Arms Ltd. | €277.36 | €277.36 | D | PF | Electricity & water services consumption for Gnien l-Ghenieq [13/12/11 till 13/03/2012] | 11/06/2012 | 15357177 | n/a | n/a | 2130 | 15632 |
| 7 | Arms Ltd. | €100.38 | €100.39 | D | PF | Electricity & water services consumption for the Public Garden & Parking [13/12/11 till 13/03/2012] | 11/06/2012 | 15357176 | n/a | n/a | 2130 | 15633 |
| 8 | Arms Ltd. | €141.93 | €141.97 | D | PF | Electricity & water services consumption for Gnien l-Unjoni Ewropeja [13/12/11 till 13/03/2012] | 11/06/2012 | 15357175 | n/a | n/a | 2130 | 15634 |
| 9 | Arms Ltd. | €237.81 | €237.84 | D | PF | Electricity & water services consumption for the Water Pump [13/12/11 till 24/02/2012] | 11/06/2012 | 15357798 | n/a | n/a | 2130 | 15635 |
| 10 | Arms Ltd. | €89.34 | €89.95 | D | PF | Electricity & water services consumption for the Public Garden of Sir H Luke [26/11/11 till 13/03/2012] | 11/06/2012 | 15357181 | n/a | n/a | 2130 | 15636 |

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Arms Ltd. | €103.04 | €103.05 | D | PF | Electricity & water services consumption for Gnien il-Hamrija [13/12/11 till 13/03/2012] | 11/06/2012 | 15357179 | n/a | n/a | 2130 | 15637 |
| 12 | Arms Ltd. | €262.49 | €538.73 | D | PF | Electricity & water services consumption for the Pelican Lights at Triq San Pawl [26/11/11 till 24/02/2012] | 11/06/2012 | 15357178 | n/a | n/a | 2130 | 15638 |
| 13 | Bitmac Works Ltd | €50.98 | €50.98 | D | PF | Instant Road Repair Del. 69076, 69106 | 11/06/2012 | 90974 | 3977 | 3977 | 2311 | |
| 14 | C & C Projects | €250.00 | €250.00 | T | PF | Item 4 of agreement for Tender T/02/11 | 22/06/2012 | 120601 | n/a | n/a | 3130 | |
| 15 | C & C Projects | €104.97 | €104.97 | T | PF | Item 1 of contract agreement No 10/2011 for T02/2011 | 25/06/2012 | 120603 | n/a | n/a | 3130 | |
| 16 | Cash | €21.22 | €21.22 | D | PF | Petty Cash - Jun 12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 15639 |
| 17 | Charlie Sant | €195.00 | €195.00 | D | PF | Hire of skip on the 8/02/12; 5/03/12 & 18/05/12 | 09/06/2012 | 15 | 3986 | 3986 | 3046 | |
| 18 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street Sweeping - May 12 | 31/05/2012 | 128 | n/a | n/a | 3051 | |
| 19 | Christian Galea | €5,541.66 | €5,541.66 | T | PF | Street Sweeping - June 12 | 30/06/2012 | 131 | n/a | n/a | 3051 | |
| 20 | Coa Ink & Toner Recharging Ltd | €48.10 | €48.10 | D | PF | Toner for office printer (HP 1215) | 25/06/2012 | Order no: 4553 | 3979 | 3979 | 2610 | |
| 21 | Courts of Justice | €482.66 | €482.66 | D | PF | Court case NLC vs Karkanja Ltd Ref 2149/2011 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3140 | 15563 |
| 22 | CSD Office Trade | €177.00 | €177.00 | D | PF | A4 p/copy paper 80gsm white (qty 60) | 22/06/2012 | 39951 | 3980 | 3980 | 2620 | |
| 23 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 15551 |
| 24 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 15552 |
| 25 | Department of Information | €9.32 | €9.32 | D | PF | Advert on Govt Gazette on the 22.06.12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 15628 |
| 26 | Elaine Muscat | €15.00 | €15.00 | D | PF | Refund for the Aerobics Course that shall commence on the last week of June 12 | n/a | n/a | n/a | n/a | 3381 | |

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Galea Curmi Engineering Consultants | €272.54 | €272.54 | T | PF | Contract Manager Fee - June 12 | 28/06/2012 | 2499 | n/a | n/a | 3065 | |
| 28 | Georgina Grima | €589.84 | €589.84 | D | PF | Nursing fees - May 12 | 31/05/2012 | Mej-12 | n/a | n/a | 3150 | |
| 29 | Go plc | €62.97 | €62.97 | D | PF | Telephony monthly service - May 12 [21416341] | 05/06/2012 | 28185832 | n/a | n/a | 2160 | 15554 |
| 30 | Go plc | €266.68 | €266.68 | D | PF | Telephony monthly service - May 12 [21417224] | 05/06/2012 | 28185866 | n/a | n/a | 2160 | 15555 |
| 31 | Go plc | €16.63 | €16.63 | D | PF | Telephony monthly service - May 12 [21416363] | 05/06/2012 | 28185836 | n/a | n/a | 2160 | 15556 |
| 32 | Grace Camilleri | €179.40 | €179.40 | D | PF | Branch Librarian Services - June 12 | 30/06/2012 | Gun 12 | n/a | n/a | 2995 | |
| 33 | Guard & Warden Service House | €31.68 | €31.68 | D | PF | 1 Warden for 4hrs on the 12-06-12 in Saint Paul's Street | 30/06/2012 | 5099 | n/a | n/a | 3195 | |
| 34 | J&S Store | €94.77 | €94.77 | D | PF | Insect spray; kurrent; box of screws; etc. | 15/05/2012 | 7086 | 3956 & 3991 | 3956 & 3991 | 2370 | |
| 35 | JB Stores | €35.20 | €35.20 | D | PF | pannu u kolla - exhibition boards | 21/05/2012 | 13158 | 3949 | 3949 | 3360 | |
| 36 | Jurgen Attard | €1,234.80 | €1,234.80 | T | PF | Handyman Service - June 12 | 30/06/2012 | Gun 12 | n/a | n/a | 3125 | 15651 |
| 37 | Jurgen Attard | €120.90 | €120.90 | T | PF | Football Ground Guardian - June 2012 | 30/06/2012 | 158703 | n/a | n/a | 3191 | |
| 38 | Leo's Garage Paramount | €261.15 | €261.15 | K | PF | Transport Services for the elderly - May 12 | 31/05/2012 | 24629 | 3939 | 3939 | 2720 | |
| 39 | Leo's Garage Paramount | €96.21 | €96.21 | D | PF | Transport Services for the elderly - Sports Day on the 16.05.12 | 31/05/2012 | 24687 | n/a | n/a | 2720 | |
| 40 | Local Council's Association | €10.00 | €10.00 | D | PF | Seminar dwar l-Energija u Ribdil fil-Klima | n/a | n/a | n/a | n/a | 2541 | 15629 |
| 41 | Local Council's Association | €10.00 | €10.00 | D | PF | Seminar dwar l-Energija u Ribdil fil-Klima | n/a | n/a | n/a | n/a | 2541 | 15630 |
| 42 | Melita plc | €10.18 | €10.18 | D | PF | Telephony monthly service - July 12 | 01/07/2012 | 32513239 | n/a | n/a | 2160 | 15652 |
| 43 | Melita plc | €2.40 | €2.40 | D | PF | TV monthly service - July 12 | 01/07/2012 | 32513805 | n/a | n/a | 2165 | 15653 |
| 44 | MSD Dept | €139.37 | €139.37 | D | PF | 6 No entry signs + brackets | 03/05/2012 | 16481 | 3919 | 3919 | 7230 | |
| 45 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage Waste Collection - Apr 12 | 30/04/2012 | NXR 4/12 | n/a | n/a | 3041 | |

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Northern Cleaning Group Ltd | €6,786.33 | €6,786.33 | T | PF | Garbage Waste Collection - May 12 | 31/05/2012 | NXR 5/12 | n/a | n/a | 3041 | |
| 47 | PC Options Ltd | €100.00 | €100.00 | D | PF | Deposit on temporarily replacement of laptop | n/a | n/a | n/a | n/a | 3690 | 15427 |
| 48 | Permanent Secretary, Minister for Internal Affairs | €40.00 | €40.00 | D | PF | Advert on TMI re tenders/ quotations | n/a | n/a | n/a | n/a | 2940 | 15627 |
| 49 | Reuben Muscat | €92.77 | €92.77 | D | PF | 7 metri gebel bil-gidra for BIC | 21/06/2012 | 95240 | 3970 | 3970 | 2370 | |
| 50 | Reuben Muscat | €168.35 | €168.35 | D | PF | 7 metri gebel bil-gidra & 2 kaptelli | 21/06/2012 | 95241 | 3970 | 3970 | 2370 | |
| 51 | Ricky Caruana | €850.00 | €807.50 | T | PF | Cleaning of Naxxar Local Council Public Convenience - June 12 less 5% Default Notice | 28/06/2012 | Nxr Jun 12 | n/a | n/a | 3053 | |
| 52 | Ricky Caruana | €471.90 | €393.25 | T | PF | Cleaning of Naxxar Local Council Premises - June 12 *[21 working days less 2 public holidays less another 2hrs]* | 28/06/2012 | Nxr Jun 12 | n/a | n/a | 3055 | |
| 53 | Smart Supermarket | €200.46 | €200.46 | D | PF | Food & Beverages for Naxxar Local Council | 02/07/2012 | 852025 | 3981 & 3982 | 3981 & 3982 | 3320 | |
| 54 | TCTC | €1,100.00 | €1,100.00 | D | PF | Ikids Agreement Summer 12 | 19/06/2012 | 29391 | n/a | n/a | 3381 | |
| 55 | V. Demajo & Bros Ltd | €275.00 | €275.00 | K | PF | Tallas Diva SE 60/3 pump for the Sqaure Fountain | 26/06/2012 | 263 | 3984 | 3984 | 7225 | |
| 56 | Vella Group Ltd | €11,080.51 | €11,080.51 | T | PF | Works Associated with the Upkeep & Maintenance of Footpaths & Pedestrian Streets - Triq is-Sikka, BIC | 22/06/2012 | Certificate of payment No 2 | n/a | n/a | 7501 | 15649 |
| 57 | Victor Mula | €1,117.20 | €1,117.20 | T | PF | Handyman Service - June 12 | 30/06/2012 | Gun 12 | n/a | n/a | 3125 | 15650 |
| 58 | Victor Xuereb | €118.00 | €118.00 | D | PF | Maintenance works on the globes of Labour Avenue; on the water pump of the Sqr Fountain, etc. | 05/07/2012 | 6658741 | n/a | n/a | 2370 | |
| 59 | Vodafone MT | €104.56 | €104.56 | D | PF | Telephone monthly service - May 12 | 01/06/2012 | ########### | n/a | n/a | 2160 | 15553 |
| 60 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - Apr 2012 (293.15 tonnes) | 15/05/2012 | 22625 | n/a | n/a | 3040 | |

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. Tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | WasteServ Malta Ltd | €6,918.25 | €6,216.75 | D | PF | Allocated MSW waste - May 2012 (293.15 tonnes) | 15/06/2012 | 23186 | n/a | n/a | 3040 | |
| 62 | Yellow Pages | €30.44 | €30.44 | D | PF | Advertisment for Naxxar Local Council contact info. (from Sept 12 till Sept 13) | 12/06/2012 | 90527 | n/a | n/a | 3690 | |

ċ

**Purchase Order list for the month of June 2012** **02/07/2012**

| Date | P.O. No. | Supplier | Items | Cost € |
|---|---|---|---|---|
| 05/06/2012 | 3973 | COA Ink & Toner Ltd. | Toner for Printers | €44.99 |
| 12/06/2012 | 3974 | Department of Information | Advert on the Govt Gazette | €9.32 |
| 14/06/2012 | 3975 | Permanent Secretary at OPM | Advert on the Malta Independent - Re Tenders & Quotations on the 06.06.12 | €39.00 |
| 14/06/2012 | 3976 | Permanent Secretary at OPM | Advert on the Malta Independent - Re Tenders & Quotations on the 20.06.12 | €75.00 |
| 15/06/2012 | 3977 | Archway Ironmongery | Xahx, ramel, zrar, cement, red powder, mera u locknuts. | €29.62 |
| 15/06/2012 | 3978 | Bitmac Ltd. | Instant Road Repair Del notes 69076 & 69106 | €50.98 |
| 21/06/2012 | 3979 | COA Ink & Toner Ltd. | Black toner | €48.10 |
| 21/06/2012 | 3980 | C.S.D. Office Trade | A4 paper | €177.00 |
| 22/06/2012 | 3981 | Smart | Coffees, biscuits - conference room | €144.85 |
| 22/06/2012 | 3982 | Smart | Cups, napkins, toilettries | €36.40 |
| 22/06/2012 | 3983 | DOI | Advert on Govt Gazette re tenders | €9.32 |
| 23/06/2012 | 3984 | V Demajo & Bros | Pump for Naxxar Square Fountain | €275.00 |
| 25/06/2012 | 3985 | DLG | Advert re quotation for Aerobics Classes | €9.32 |
| 08/02/2012 | 3986 | Charlie Sant | Hire of open skip for 3 days | €195.00 |
| 25/06/2012 | 3987 | Reuben Muscat | 14-il metru gebel bil-gidra (7 metri for BIC) u 2 kaptelli | €261.12 |

| | |
|---|---|
| **Total** | **€1,405.02** |

# D

**Income list for the month of June 2012** **02/07/2012**

| Code | Description | Amount |
|---|---|---|
| 0000 | Donation re Filming from Chris Bonello | €500.00 |
| 0000 | Permit fee re Big Screen TV from Matthew Spiteri | €41.94 |
| 0000 | Settlement of invs: NLC/040/2011 & NLC/043/2011 by WSC | €19,450.00 |
| 0021 | Community services inc. Courses, Aerobics, outings etc | €255.00 |
| 0023 | Cultural Activities | €11.00 |
| 0025 | Skip Permit | €82.88 |
| 0026 | Crane Permit | €648.76 |
| 0027 | Kiosk Permit | €23.29 |
| 0028 | Outside Activity Permit | €32.65 |
| 0030 | Deposit of Material, scaffolding etc | €105.32 |
| 0067 | Documents/Information charges (inc. Parking clocks, photos etc) | €1.16 |
| 0121 | Advertising | €9.32 |
| 0125 | Trenching permits | €11.65 |
| 4006 | Contractors guarantees | €1,950.00 |
| | **TOTAL** | **€23,122.97** |

| | | |
|---|---|---|
| **Receipts** | From | 5750 |
| | To | 5964 |

**E**

# TALBIET MILL-KUMITAT FESTI ESTERNI

Fuq stedina li saritli, iltqajt mal-Kumitat Festi Esterni nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju 2012 fit-8:30pm. F'din il-laqgħa ressqu xi talbiet għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill kif ġej:

**Ikel fil-Pjazza waqt il-jiem tal-Festa**

Għal darba oħra l-Kumitat ilmenta bis-sħiħ għaliex il-Kunsill mhux qed iġiegħel lill-każini biex ma jsajrux barra. Huwa insistew bis-sħiħ li ikel barra m'għandux isir għalkemm m'għandhom l-ebda problema li jisserva l-ikel barra. Infurmawni li saħansitra l-każin tan-Naxxar Lions jibnu ċint bħala *counter*! Ilmentaw ukoll li l-Każin Peace jarmaw bar taħt il-bankina.

Il-Kumitat insista li l-Kunsill għandu jieħu passi dwar dan.

**Tindif**

Il-Kumitat ilmenti li tal-każini qed iħallu wisq ħmieġ li jkun iġġenerat minnhom. Għalkemm il-Kunsill qiegħed jipprovdi t-tindif huma jħossu li l-każini għandhom jieħdu ħsieb iżommu l-indafa.

Talbu lill-Kunsill biex jipprovdi bins adegwati filwat li ssuġerew li l-Kunsill jimponi depożitu li jieħduh lura biss jekk jimxu mal-kundizzjonijiet.

**Mobile toilets**

Ipproponew li l-Kunsill jipprovdi mobile toilets faċċata ta' Citadel Insurance minħabba li fin-naħa ta' fuq m'hemmx faċilitajiet ta' toilets.

Kont infurmat li b'mod regolari nies li jkunu għall-Festa jew fil-każini viċin, jaqdu l-bżonnijiet naturali tagħhom litteralment mal-ħajt tal-Knisja!

**Gabbani**

Il-Kumitat innota titjib sostanzjali fuq is-snin ta' qabel. Madankollu fadal xi kwistjonijiet li possibilment ikunu solvuti. B'mod partikulari kien hemm xi gabbani fejn Banif Bank li għandhom ikunu spustjati.

Il-Kumitat appella biex il-gwardjani jinfurzaw għaliex is-sena l-oħra kien hemm ċirkostanzi fejn gabbani ma kienux skont il-pjanta u l-gwardjan ħallihom fejn huma.

Il-membri tal-Kumitat talbu biex possibilment ikollhom kopja tal-pjanta kif toħroġ mill-Kunsill.

**Permessi għal krejnijiet**

Il-Kumitat appella biex permessi għall-krejnijiet ma jinħarġux bejn l-1 u d-9 ta' Settembru fit-toroq li jkun hemm l-armar. Talbu wkoll biex il-ġbir ta' skart isir bi scammel żgħir minħabba l-pavaljuni.

Staqsew ukoll dwar il-krejn tal-Pjazza fejn infurmajthom li kienet imposta wkoll garanzija bankarja ibbażata fuq il-kundizzjonijiet u li waħda minnhom kienet li jrid jitneħħa qabel il-Festa.

**Kejbils tal-azzar fi Triq il-Parroċċa**

Issemmew il-kejbils tal-azzar fejn hemm xi kejbils tal-Kunsill li jkunu jridu jitneħħew minħabba l-pavaljuni. Huma kienu diġà kkordinaw ma' Jurgen però kien hemm qbil biex wara l-Festa jkunu organizzati aħjar.

**Għeluq tal-Pjazza**

Il-Kumitat talab lill-Kunsill jikkonsidra biex ikun hemm għeluq tal-Pjazza bejn l-4 u t-8 ta' Settembru.

**Żbir ta' siġar**

Il-Kumitat informa li jidher li m'hemmx problemi mis-siġar ta' Labour Ave madanakollu infurmajthom li għaddejin il-proċess biex ikunu trimmjati.

Talbu wkoll li s-siġar fejn il-każin tal-futbol ikunu miżbura.

Fl-aħħar nett staqsew jekk il-Kunsill hux interessat li jagħmel reklam fuq il-pubblikazzjoni tal-Festa.

**Paul Gatt**
Segretarju Eżekuttiv

10 ta' Lulju 2012